MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 547/2009

**Grazio Ebejer (Karta tal-Identita' Nru 258927M)**

**-vs-**

**Edgar Bonnici Cachia (Karta tal-Identita' Nru 632650M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fil-5 ta' Gunju 2009 li bih ir-rikorrent, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artiklu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) :

" 1. Tikkundanna lill-intimat jizgombra fi zmien qasir u perentorju li joghgobha timponi dina l-Onorabbli Qorti l-Ewwel Qorti mill-garaxx li ghandu n-numru tlieta u tletin

(33) u li qieghed fi Triq Ta' Cieda, San Gwann, billi baqa' moruz fil-hlas tal-kera u b'hekk ma onorax l-obbligi tieghu fil-konfront tar-rikorrent ; u

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' seba' mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€749.37) kwantu ghas-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin Ewro u erbgha u tmenin cent (€684.84) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti sal-lum fir-rigward tal-garaxx mikri lill-intimat li ghandu n-numru tlieta u tletin (33) u li qieghed fi Triq Ta' Cieda, San Gwann, u kwantu ghas-somma ta' erbgha u sittin Euro u tlieta u hamsin cent (€64.53) rapprezentanti l-konsum ta' dawl u ilma fl-istess garaxx u l-kera tal-*meters* relattivi dovuti sal-lum fir-rigward tal-istess garaxx.

Bl-ispejjes kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu 2009 u tal-1 ta' Gunju 2009, u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent, senjatament dik ta' danni. "

**Rat** id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors mahluf ;

**Rat** li l-atti tar-rikors mahluf kienu debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi ;

**Rat** illi l-intimat naqas li jidher ghall-udjenza tal-5 ta' Novembru 2009 fid-9.00 a.m. meta ssejhet il-kawza u ghalhekk baqa' kontumaci ;

**Ezaminat** l-atti tar-rikors ;

Billi mill-provi tar-rikorrent mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw ippruvati ;

**Fil-kontumacja tal-intimat, tiddeciedi billi filwaqt li taqta' l-kawza minghajr is-smigh –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-intimat sabiex sa zmien xahar mil-lum jizgombra mill-garaxx li ghandu n-numru tlieta u tletin (33) u li qieghed fi Triq Ta' Cieda, San Gwann, billi baqa' moruz fil-hlas tal-**

**kera u b'hekk ma onorax l-obbligi tieghu fil-konfront tar-rikorrent ;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' seba' mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€749.37) kwantu ghas-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin Ewro u erbgha u tmenin cent (€684.84) bhala arretrati ta' kera dovuti sal-5 ta' Gunju 2009 fir-rigward tal-garaxx mikri lill-intimat li ghandu n-numru tlieta u tletin (33) u li qieghed fi Triq Ta' Cieda, San Gwann, u kwantu ghas-somma ta' erbgha u sittin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€64.53) ghall-konsum ta' dawl u ilma fl-istess garaxx u l-kera tal-meters relattivi dovuti sal-5 ta' Gunju 2009 fir-rigward tal-istess garaxx, bl-imghax legali ta' tmienja (8%) fil-mija fis-sena b'effett mill-5 ta' Gunju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.**

**3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------